31992D0605

L 404/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1992

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## ta' l-14 ta' Diċembru 1992
## dwar il-konklużjoni ta' ftehim ta' kummerċ u koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Macao

(88/45/2/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1];

Billi l-Ftehim għall-kummerċ u l-koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Macao għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar il-kummerċ u l-koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Macao qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huma mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifikazzjoni pprovduta fl-Artikolu 19 tal-Ftehim [2].

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, megħjuna mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt imwaqqaf taħt l-Artikolu 16 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Diċembru 1992.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. LAMONT

(1) ĠU C 337, tal-21.12.1992.

(2) Ara l-paġna 32 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.